

**RAPPORT TA' VALUTAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA (EPAR)****NOBIVAC PIRO****Sommarju ta' l-EPAR għall-pubbliku**

Dan id-dokument huwa sommarju tar-Rapport ta' Valutazzjoni Pubblika Ewropea. L-ġħan tiegħu huwa li jispjega kif il-valutazzjoni mwettqa mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għal Użu Veterinarju (CVMP) abbażi tad-dokumentazzjoni pprovduta, waslet għar-rakkomandazzjonijiet fuq il-kundizzjonijiet ta' l-użu. Dan id-dokument ma jistax jissostitwixxi diskussjoni wiċċi imb'wiċċi mal-veterinarju tiegħek. Jekk tixtieq iktar informazzjoni dwar il-kundizzjoni jew it-trattament ta' l-animal tiegħek, ikkuntattja lill-veterinarju tiegħek. Jekk tixtieq iktar informazzjoni abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-CVMP, aqra d-Diskussjoni Xjentifika (parti wkoll mill-EPAR).

**X'inhu Nobivac Piro?**

Nobivac Piro huwa vaċċin li fih antiġeni (protein) mill-parassiti *Babesia canis* u *Babesia rossi*. Nobivac Piro hu lyophilisate (*freeze-dried pellet*) u solvent li jitħalltu biex jiffurmaw sospensjoni għall-injezzjoni.

**Għal x'hiex jintuża Nobivac Piro?**

Nobivac Piro jintuża għat-tilqim ta' klieb li jkollhom sitt xħur jew iktar kontra *B. canis*, protozoan (organiżmu b'ċellola waħda) trasmess mill-qurdien li jgħixu fiċ-ċelloli ħomor tad-demm. Il-vaċċin jista' jnaqqas is-severità tas-sintomi kkawżati minn babesiosis akuta (qasira) (il-marda kkawżata minn infezzjoni b'*B. canis*, bi dgħjufija, deni u suffejra) u anemija (tnaqqis fiċ-ċelloli tad-demm ħomor).

Għat-tilqima inizjali, Nobivac Piro jingħata f'żewġ injezzjoni jet ta' 1 ml taħt il-ġilda fi spazju ta' bejn tlieta u sitt ġimħat. It-tilqima mill-ġdid tinkiseb permezz ta' injezzjoni waħdanija kull sitt xħur. L-immunità tibda tliet ġimħat wara l-kors tat-tilqima u ddum ta' l-inqas sitt xħur.

Għandhom jitlaqqmu biss klieb f'sahħiethom. Il-klieb infettati b' *B. canis* ma jkollhom l-ebda sintomu iżda għandhom jiġu ttrattati kif suppost qabel it-tilqima. Huwa rrakkomandat li t-tilqima tingħata ta' l-anqas xahar qabel l-istaġun tal-qurdien u l-espożizzjoni għall-qurdien għandha titnaqqas waqt il-perjodu tat-tilqim.

**Kif jaħdem Nobivac Piro?**

Nobivac Piro hu tilqima. It-tilqima taħdem billi 'tghalleml' lis-sistema imunitarja (id-difīza naturali tal-ġisem) kif tiddefendi lilha nnifisha kontra l-mard. Nobivac Piro fih ammonti żgħar ta' antiġeni (antiġeni tal-parassiti li jinħallu) minn *B. canis* u speċi *B. rossi* relatati li jkunu ġew estratti mill-parassiti kkultivati fiċ-ċelloli tad-demm ħomor. It-tilqima fiha wkoll kompost magħruf bħala saponin li jistimulaha tipprodu respons aħjar. Meta kelb jingħata t-tilqima, is-sistema immunitarja tagħraf l-antiġeni bħala 'barranin' u tipprodu antikorpi kontrihom. Fil-futur, is-sistema immunitarja tkun kapaċi tipprodu antikorpi iktar malajr meta jiġi esposti għal *B. canis*. Dan jgħin fit-naqqis tas-sintomi ta' babesiosis. Billi l-antiġenti fuq *B. canis* huma varjabbli ħafna, it-tilqimiet kontra *B. canis* jaħdmu effettivament biss jekk jinkludu wkoll antiġeni minn *B. rossi*.

## Kif ġie studjat Nobivac Piro?

L-effikaċja ta' Nobivac Piro ġiet studjata fi tliet studji tal-laboratorju li fihom il-krieb tlaqqmu u mbagħad ġew esposti għal Babesia tat-tip selvaġġ. Sar ukoll studju ieħor f'ambjent naturali li fi krieb ta' mill-inqas sitt xhur ta' diversi razex ingħataw żewġ injezzjonijiet ta' Nobivac Piro fi spazju ta' tliet ġimġħat bejniethom. L-effetti tat-tilqima tqabblu ma' dawk tat-tilqima bl-użu ta' plaċebo (trattament finta). Il-kej l-ewljeni ta' l-effikaċja kien il-proporzjon ta' krieb li żviluppaw antikorpi kontra *B. canis* u *B. rossi* ġimaginej wara t-tieni injezzjoni.

## X'benefiċċi ta' Nobivac Piro ntwerew f'dawn l-istudji?

Nobivac Piro kien iktar effettiv mill-plaċebo fl-istumulazzjoni tal-produzzjoni ta' antikorpi: kien hemm iktar krieb li kienu ngħataw it-tilqima li żviluppaw l-antikorpi meta mqabbla ma' dawk li kienu ngħataw plaċebo.

## X'inhu r-riskju assoċjat ma' Nobivac Piro?

Wara t-tilqima, hu komuni li jkun hemm nefħiet li jweġġgħu jew noduli iebsin fis-sit ta' l-injezzjoni. B'mod ġenerali, dawn jgħibu fi żmien erbat ijiem, iżda f'każijiet rari jistgħu jippersistu sa 14-il jum wara t-tieni injezzjoni. Effetti sekondarji bħall-għeja u tnaqqis fl-apptit kienu komuni wkoll. Xi drabi dawn ikunu akkompanjati minn deni u minn twebbis tal-ġisem. Dawn ir-reazzjonijiet għandhom jisparixxu fi żmien jumejn jew tlieta.

It-tilqimiet b'Novibac Piro ma jipprevenux infelżzjoni, u allura, bihom tista' sseħħ formi inqas gravi tal-marda kkawżata minn *B. canis*. Jekk ikun hemm sintomi ħief u li jdumu iktar minn jumejn, għandu jinkiseb parir veterinarju.

Nobivac Piro m'għandux jintuża fi krieb nisa li jkunu tqal jew qed ireddgħu.

## X'inhuma l-prekawzjonijiet għall-persuna li tagħti l-mediċina jew tiġi f'kuntatt ma' l-annimal?

Jekk il-persuna tinjetta lilha nnifisha biżżejjen, għandu jinkiseb parir mediku immedjatamente. Il-Fuljett ta' Tagħrif jew it-tikketta għandhom jintwerew lit-tabib.

## Għaliex ġie aprovat Nobivac Piro?

Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għal Użu Veterinarju (CVMP) ikkonkluda li l-benefiċċju ta' Nobivac Piro huma ikbar mir-riskju tiegħu meta użat fit-tilqim attiv ta' krieb ta' sitt xhur jew iktar kontra *B. canis* fit-tnaqqis tas-severità tas-sinjalji kliniċi assoċjati ma' babesiosis akuta (*B. canis*) u l-anemija kif imkejla mill-volum taċ-ċelloli ppakkjati, u rrakkomanda li Nobivac Piro jingħata l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq. Il-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju jinsab fil-modulu 6 ta' dan l-EPAR.

## Tagħrif ieħor dwar Nobivac Piro:

Il-Kummissjoni Ewropea tat-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida madwar l-Unjoni Ewropea kollha għal Nobivac Piro lil Intervet International B.V. fit-2 ta' Settembru 2004. Tagħrif dwar l-istejtus tal-preskriżżjoni ta' dan il-prodott jista' jinstab fuq it-tikketta/pakkett ta' barra.

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar fit-30 ta' Awwissu 2007.